- L-Avvent:

L-Avvent jibda erbat iħdud qabel il-Milied. F’dan iż-żmien niftakru fit-tliet miġjiet ta’ Ġesù. L-ewwel miġja hija meta twieled fl-għar ta’ Betlehem biex isalvana, it-tieni miġja hija dik li jrid jagħmel fil-qalb tagħna u t-tielet miġja hija dik il-miġja li għad jerġa’ jagħmel fl-aħħar tad-dinja. L-Avvent huwa żmien ta’ preparazzjoni. Fih nippreparaw ruħna għall-aħħar żewġ miġjiet ta’ Ġesù. Kull darba li lil Ġesù nirċevuh ġo fina, tkun qiegħda sseħħ it-tieni miġja, għalhekk irridu nkunu ppreparati tajjeb. Iżda rridu nkunu ppreparati aħjar għat-tielet miġja ta’ Ġesù, meta jiġi fl-aħħar tad-dinja u jekk inkunu għexna ħajja skont l-eżempju tiegħu, immorru ngawduh għal dejjem.



- <u>Ix-Xewqat u l-Kartolini:</u>

Fis-sena 0 WK, l-anġli ħabbru ferħ kbir lil kulmin kien ta’ rieda tajba. Permezz tal-kartolini u x-xewqat li nawguraw lil xulxin, inkunu qegħdin inġeddu dak il-ferħ tal-ewwel sena li Ġesù kien jgħix fid-dinja. Huwa sabiħ li tibgħat kartolina bil-Bambin lil qrabatek u l-ħbieb ... anke jekk dawn ma jibgħatulekx!

Fil-Milied, il-frażi l-aktar popolari hija il-‘Happy Christmas’. B’din il-frażi nawguraw il-Milied it-Tajjeb lil xulxin. Il-kelma ‘Christmas’ tinkorpora fiha l-Messija: ‘Christ’. Għalhekk huwa importanti li f’din il-festa tat-twelid ta’ Ġesù, insemmu lil Ġesù u mhux il-vaganzi jew xi ħaġa oħra. Teżisti idea oħra li nistgħu nużaw il-frażi ‘Happy Xmas’. Xi teoriji jgħidulna li din il-frażi ġejja mill-kelma Griega ‘Xristos’, li tfisser il-Messija. Maż-żminijiet din it-tifsira intesiet u kull darba li ġiet użata din il-kelma ġiet interpretata bħala nuqqas ta’ rispett lejn it-twelid ta’ Ġesù. Importanti li ċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet tagħna f’dan iż-żmien, ikun Ġesù! Jekk niċċelebraw it-twelid ta’ Ġesù mingħajr ma nsemmuh, x’inkunu qiegħdin niċċelebraw?



Il-Presepju:

Ħafna dilettanti tal-presepju jibdew minn kmieni (ġieli anke fis-sajf), jaħdmu biex ifakkru din il-ġrajja. Iċ-ċentru tal-presepju jkun dejjem l-għar fejn fih twieled Ġesù. Fih ikun hemm Marija u Ġużeppi, il-baqra u l-ħmara u xi nagħaġ ma' xi ragħaj. Kull min imur jara xi presepju (kbir jew żgħir), l-ewwel ħaġa li jfittex hija l-grotta tal-akbar twelid li d-dinja qatt assistiet għalih.



- <u>In-Novena:</u>

In-Novena hija disat ijiem qabel il-Milied. Fiha nibdew nippreparaw ruħna aktar bis-serjetà għal din il-festa tant għażiża. Kuljum ikun hemm il-quddiesa tan-novena. Din il-quddiesa tiġi animata minn gruppi differenti jew individwi li jkunu jagħtu servizz f'dik il-parroċċa partikolari. F'dan iż-żmien nisimgħu aktar għanjiet tal-Milied u naraw il-knisja tiġi mżejna bil-mod, biex il-qofol tat-tiżjin jintlaħaq fl-24 ta' Diċembru.



L-Għana tal-Milied:

L-għana tal-Milied beda jitkanta żmien ilu. Fi żmien fejn kien għad ma hawnx karozzi, in-nies kienu jmorru l-quddies bil-mixi jew bil-karettun. Sakemm jaslu kienu joqogħdu jgħannu l-għanjiet tal-Milied. Imbagħad kienu jkomplu jgħannu sakemm tiftaħ il-knisja u kulħadd jieħu postu.



Il-Purċissjoni bil-Bambin:

L-ewwel qaddis Malti San Ġorġ Preca, kien devot ħafna tal-Bambin. Ried jagħmel minn kollox biex jurih lid-dinja kollha. Fil-fatt dawwar il-kelma Mużew (kif kienet oriġinarjament) f'sentenza bil-Latin: 'Magister Utinam Sequater Evangelium Universus Mundus' li tfisser 'Mgħallem mhux li kien id-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek.' Prova ta' dan hija l-purċissjoni bil-Bambin ta' lejlet il-Milied. Fil-purċissjoni, it-tfal u s-soċi tal-Museum, iduru mal-belt jew mar-raħal ikantaw għanjiet tal-Milied u jaqraw xi siltiet dwar il-Bambin. F'idejhom ikollhom xi lampi jew fanali.



Il-Quddies ta’ Nofs il-lejl:

Il-Quddiesa ta’ Nofs il-lejl, hija l-qofol ta’ din il-festa. Il-preparamenti ta’ qabel il-Milied, bħal tiżjin tad-dar u xiri tar-rigali huma kollha importanti. Imma jekk ma tippreparax ruħek u qalbek biex tilqa’ fiha lill-protagonist ta’ din il-festa, il-preparamenti l-oħra jkunu kollha għalxejn. Jekk xi ħadd jorganizzalek festin għal għeluq sninek u lilek ma jistiednekx, mhux għalxejn ikun organizzah?



Il-Priedka tal-Milied:

Il-Priedka tal-Milied tiftakar il-bidu tagħha fil-bidu tas-seklu għoxrin, jiġifieri fil-bidu tan-1900. Dak iż-żmien kienu jgħallmu lill-abbatini xi sentenzi dwar il-Milied u kienu jgħiduhom quddiem in-nies li jkunu attendew għall-quddiesa. Meta din il-ħaġa ġiet imwaqqfa, beda jintgħażel tifel (illum anke tifla jew it-tnejn) biex jgħamel priedka ċkejkna dwar il-Milied. Nistgħu naraw li Alla jinqeda b'kulħadd biex iwassal il-messaġġ tiegħu, anke tfal bħalna stess.



- <u>L-Ikla tal-Milied:</u>

Hija tradizzjoni li fil-ġurnata tal-Milied, il-familja kollha (bin-nanniet u z-zijiet) tinġabar għand xi ħadd (li jkollu post kbir għal ħafna nies) biex jieklu flimkien l-ikla tal-Milied. Tradizzjonalment f'din il-ġurnata jittiekel id-dundjan. Barra d-dundjan hemm ikel ieħor li jittiekel matul dan iż-żmien, fosthom, il-pudina, il-qagħaq tal-għasel, il-qassatelli tal-ħelu, il-qastanija, il-kejk u l-*Christmas log*. Hija ħaġa sabiħa li fil-festa li fiha niċċelebraw l-akbar rigal li tana Alla, niltaqaw il-familja kollha u nkunu mgħaqudin flimkien.

